MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH BONNICI**

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2005

Talba Numru. 1767/2004

**Master Cellars Ltd**

**Vs**

**Arthur Azzopardi**

It-Tribunal,

Wara li ra t-talba attrici ghal hlas ta' Lm1391.89 (elf tlett mija wiehed u disghin lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) bilanc ta' somma akbar prezz ta' merkanzija mibjugha u kkonsenjata.

Bl-ispejjes u interessi kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.

Ra n-nota ta' riduzzjoni prezentata fis-seduta tas-16 ta' Dicembru 2004 ghall-ammont ta' Lm1311.89 (elf tlett mija u hdax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu).

Wara li rat in-Nota, tal-mistoqsijiet ta' l-attur sabiex il-konvenut iwiegeb ghalihom bil-gurament u b'hekk il-kreditu jigi pruvat ai termini tal-Art 698 (2) u 702 tal-Kap 12 u Art 13 (b) tal-Kap 380.

Billi ghalkemm notifikat regolarment fis-26 ta' Settembru 2004 il-konvenut naqas u ma dehrx meta gewipprezentati fis-16 ta' Dicembru 2004 l-kapitoli u lanqas illum, u n-Nota tal-mistoqsijiet tisthoqq li tkun emnuta u ghalhekk ghandha tittiehed bhala mistqarra.

Jiddeciedi billi jilqa it-talbiet attrici limitatament ghas-somma ta' Lm1311.89 (elf tlett mija u hdax-il lira Maltin u disgha u tmenin centezmu) bl-ispejjez u interessi kif mitluba.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------